# Fond Ċentrali tal-Koperattivi

## Rapport u kontijiet finanzjarji

## Għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2023

# Werrej

| | |
|---|---|
| Rapport tal-membri tal- kumitat tal-Fond Ċentrali tal- Koperattivi | 2 |
| Kont ta' dħul u nfiq | 4 |
| Karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2023 | 5 |
| Stqarrija dwar bidliet fil-fond akkumulat u riżervi | 7 |
| Stqarrija dwar dħul u ħruġ ta' flus | 8 |
| Noti fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji | 9 |
| Rapport indipendenti ta' l-awdituri | 23 |

# Rapport tal-membri tal-Kumitat tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi

Il-membri tal-kumitat qed jippreżentaw dan ir-rapport u l-kontijiet finanzjarji tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi (il-"Fond") għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2023.

### Attivitajiet prinċipali

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi għandu diversi għanijiet kif imsemmija f'nota 1 ta' dan ir-rapport u kontijiet finanzjarji.

### Rizultat

Ir-riżultat għas-sena juri bilanċ posittiv għas-sena ta' € 176,892 (2022: € 135,717).

### Membri tal-kumitat

Il-membri li servew matul din is-sena finanzjarja huwa kif ġej:

| | |
|---|---|
| Chairman | Dr Luke Dalli |
| Deputy Chairman | Is-Sur David Magro |
| Membri | Is-Sinjura Theresa Xuereb<br>Dr Maruska Debono<br>Is-Sur Adrian Scerri<br>Is-Sur Ruben Overend<br>Is- Gaetano Buttigieg<br>Is-Sur Anton Muscat<br>Is-Sur Paul Muscat<br>Is-Sur Emmanuel Bezzina<br>Is-Sur Louis Zammit |
| Segretarju | Is-Sur Marvin Zammit |

### Żvelar ta' informazzjoni lill-awditur

Sad-data ta' dan ir-rapport, il-membri jikkonfermaw li:

- Safejn il-membri huma konxji, m'hemm ebda nformazzjoni rilevanti meħtieġa mill-awditur indipendenti b'konnessjoni mat-tħejjija tar-rapport ta' l-awditur li l-awditur mhux konxju minnha, u
- Il-membri ħadu l-passi kollha li kellhom jieħdu sabiex ikunu nfurmati bl-informazzjoni rilevanti meħtieġa mill-awditur indipendenti b'konnessjoni mat-tħejjija tar-rapport ta' l-awditur kif ukoll li jistabilixxu li l-awditur huwa konxju ta' dik l-informazzjoni.

**Dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-membri tal-kumitat**

L-Att XXX ta' l-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi, Kap.442 jirrikjedi lill-membri biex jippreparaw l-kontijiet finanzjarji għal kull sena finanzjarja li juru b'mod veru w ekwu l-qagħda finanzjarja tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi fl-aħħar tas-sena u r-riżultati ta' l-operazzjonijiet tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju kif addottat mill-Unjoni Ewropeja. Fit-tħejjija dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, il-kumitat huwa meħtieġ li:

- jaddotta l-bazi tal-'going concern' sakemm jistabbilixxi li ma jkunx aktar xieraq li jippreżumu li l-Fond ma jkunx jista' jkomli fin-negozju;
- jagħżlu politika ta' kontabilta xierqa u mbagħad japplikawha b'mod konsistenti;
- jagħmlu ġudizzji u stimi li huma raġonevoli u prudenti;
- iniżżlu fil-kontijiet id-dħul u l-ispejjez relatati mas-sena finanzjarja fuq l-'accruals basis';
- jivvalutaw separatament il-komponenti ta' l-attiv u l-passiv fil-kontijiet finanzjarji; u
- jirrapportaw figuri komparattivi li jikkorrispondu għal dawk tal-perjodu finanzjarju ta' qabel.

Il-membri huma responsabbli għaż-żamma ta' records ta' kontabilta xierqa li jiżvelaw bi preċiżjoni raġonevoli l-pożizzjoni finanzjarja tal-Fond u biex jgħinuhom jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tħejjew sew skond ir-regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja L.S. 344 tal-2016. Din ir-responsabbiltà tinkludi tfassil, implimentazzjoni u żamma ta' kontrolli nterni li jkunu rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ġusta ta' kontijiet finanzjarji li huma ħielsa minn dikjarazzjonijiet żbaljati materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żbalji. Il-kumitat huwa responsabbli wkoll għas-salvagwardja ta' l-assi tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi u għat-teħid ta' passi raġonevoli għall-prevenzjoni u kxif ta' frodi u irregolaritajiet oħra.

**Awditur**

Grant Thornton esprimew ir-rieda tagħhom li jkomplu fil-kariga ta' awditur.

**Dr Luke Dalli**
Chairman

**Is- Sur David Magro**
Deputy Chairman

Indirizz tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi:
Koperattivi Malta
Triq l-Imdina
Hal Qormi, QRM 9011
Malta

13 Marzu 2024

# Kont ta' dħul u nfiq

| | Noti | 2023 | 2022 |
|---|---|---|---|
| | | **€** | **€** |
| Kontribuzzjonijiet | | 612,973 | 599,731 |
| Dħul finanzjarju minn investimenti | 6 | 113,697 | 55,981 |
| **Dħul totali** | | **726,670** | **655,712** |
| **Spejjeż amministrattivi u oħrajn** | | | |
| Spejjeż amministrattivi | | 119,285 | 97,673 |
| Koperattivi Malta | 7 | 241,541 | 228,547 |
| Malta Co-operative Federation | 7 | 187,540 | 191,265 |
| Attivitajiet oħra | | - | 1,200 |
| Spejjeż finanzjarji | | 372 | 179 |
| Skema ta' sussidju fuq l-imgħax fuq self u grants oħra | | 1,040 | 1,131 |
| | | **549,778** | **519,995** |
| **Bilanċ pożittiv għas-sena** | 8 | **176,892** | **135,717** |
| **Dħul (telf) komplessiv ieħor** | | | |
| Bidla fil-valur tal-investiment | 10 | 44,619 | (409,412) |
| **Dħul (telf) komplessiv ieħor għas-sena** | | **44,619** | **(409,412)** |
| **Total ta' dħul (telf) komplessiv** | | **221,511** | **(273,695)** |

# Karta tal-bilanċ

| | Noti | 2023 | 2022 |
|---|---|---|---|
| | | € | € |
| **ATTIV** | | | |
| **Attiv marbut** | | | |
| Propjeta', inġenji u makkinarju | 9 | 745,361 | 746,128 |
| Investimenti | 10 | 2,961,315 | 2,824,869 |
| | | **3,706,676** | **3,570,997** |
| **Attiv kurrenti** | | | |
| Debituri – kontribuzzjoni | 11 | 86,296 | 130,561 |
| Imgħax li jrid jinġabar | 12 | 20,795 | 14,030 |
| Flus il-bank | 13 | 1,184,267 | 1,124,692 |
| Flus fl-idejn | 13 | 1 | 1 |
| | | **1,291,359** | **1,269,284** |
| **Attiv marbut u attiv kurrenti** | | **4,998,035** | **4,840,281** |

# Karta tal-bilanċ – tkompli

| | Noti | 2023 | 2022 |
|---|---|---|---|
| | | € | € |
| **FOND AKKUMULAT U RIŻERVI** | | | |
| Riżerva ta' valur ġust fuq investimenti | | 77,417 | 32,798 |
| Fond Ċentrali tal-Koperattivi – akkumulat | | 4,432,369 | 4,255,477 |
| | | **4,509,786** | **4,288,275** |
| **Kurrenti** | | | |
| Kredituri – ammonti li għandhom jitħallsu fi żmien sena | 14 | 488,249 | 552,006 |
| | | **488,249** | **552,006** |
| **Riżervi, self u kredituri** | | **4,998,035** | **4,840,281** |

Il-kontijiet finanzjarji li jidhru f'paġni 4 sa 22 ġew approvati mill-Kumitat u awtorizzati għal-użu fit-13 ta' Marzu 2024 u ġew iffirmati għan-nom tal-Kumitat minn:

**Dr Luke Dalli**
Chairman

**Is-Sur David Magro**
Deputy Chairman

# Stqarrija dwar bidliet fil-fond akkumulat u riżervi

| | Riżerva ta' valur ġust fuq investimenti | Fond akkumulat | Total |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| Fl-1 ta' Jannar 2022 | 442,210 | 4,119,760 | 4,561,970 |
| Bilanċ pożittiv għas-sena | - | 135,717 | 135,717 |
| Bidla fil-valur ġust ta' l-investiment | (409,412) | - | (409,412) |
| **Total ta' (telf) dħul komplessiv** | **(409,412)** | **135,717** | **(273,695)** |
| **Fit-31 ta' Diċembru 2022** | **32,798** | **4,255,477** | **4,288,275** |
| Fl-1 ta' Jannar 2023 | 32,798 | 4,255,477 | 4,288,275 |
| Bilanċ pożittiv għas-sena | - | 176,892 | 176,892 |
| Bidla fil-valur ġust ta' l-investiment | 44,619 | - | 44,619 |
| **Total ta' dħul komplessiv** | **44,619** | **176,892** | **221,511** |
| **Fit-31 ta' Diċembru 2023** | **77,417** | **4,432,369** | **4,509,786** |

# Stqarrija dwar dħul u ħruġ ta' flus

| | Noti | 2023 | 2022 |
|---|---|---|---|
| | | € | € |
| **Attivitajiet kummerċjali** | | | |
| Bilanċ pożittiv għas-sena | | 176,892 | 135,717 |
| Aġġustamenti | 16 | (112,092) | (53,729) |
| Ċaqlieq fid-debituri | | 44,265 | 118,399 |
| Ċaqlieq fil-kredituri | | (63,555) | 78,376 |
| Ħlas ta' sussidju fuq self tal-koperattivi | | (1,040) | (1,131) |
| | | **44,470** | **277,632** |
| **Investimenti** | | | |
| Imgħax mill-bank | | - | 12 |
| Irtirar ta' nvestimenti | | 15,105 | 16,824 |
| Xiri ta' propjeta', ingenji u makkinarju | | - | (4,605) |
| | | **15,105** | **12,231** |
| Ċaqlieq ta' flus fl-idejn u bilanċ tal-bank | | 59,575 | 289,863 |
| Flus fl-idejn u bilanċ tal-bank fil-bidu tas-sena | | 1,124,693 | 834,830 |
| **Flus fl-idejn u bilanċ tal-bank fl-aħħar tas-sena** | 13 | **1,184,268** | **1,124,693** |

# Noti fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji

## 1 Regolamenti u attivitajiet tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi

Skont ir-regolamenti miktuba fil-Leġislazzjoni Sussidjarja L.S. 344 tal-2016, il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi, permezz tal-Kumitat tal-Fond, għandu bħala għanijiet ewlenin li:

- li jamministra l-Fond Ċentrali tal-Koperattivi;
- li jimpjega persunal neċessarju biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu;
- li jiffinanzja programmi, inkluż edukazzjoni u taħriġ relatat mal-promozzjoni u żvilupp tal-moviment tal-koperattivi għal membri ta', u persunal ingaġġjat mill-koperattivi u persuni oħra li jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv fil-promozzjoni tal-moviment tal-koperattiva;
- li jikkummissjona studji u riċerka dwar materji partikolari tal-attività tal-koperattiva jew kwalunkwe soċjetà koperattiva individwali f'Malta;
- li jiffinanzja materjal edukattiv tal-koperattiva bil-għan li jippromwovi l-ideali u l-prattiċitajiet tal-koperattiva;
- li jappoġġja u jintensifika l-parteċipazzjoni tal-moviment Malti tal-koperattivi f'organizzazzjonijiet rilevanti, attivitajiet u proġetti fuq livell interazzjonali;
- li jappoġġja, jirkupra u jibda proċedimenti għall-ħlas ta' sommom lill-Fond Ċentrali tal-Koperattivi, skont l-artikolu 91(6) tal-Att;
- li jiġbor u japprova l-estimi annwali finanzjarji tal-Fond;
- li jaħtar awditur tal-Fond;
- li jirċievi u jikkonsidra r-rapport tal-awditur fuq il-kontijiet u l-estimi (workings) tal-Fond;
- li jipprovdi assistenza lil soċjetajiet koperattivi f'konnessjoni mal-aċċess u tkattir ta' finanzi;
- li jinvestiga kwalunkwe materja li tikkonċerna loperazzjonijiet tal-Fond; u
- li jwettaq kwalunkwe funzjoni oħra li l-Ministru jista' jassenjalu.

## 2 Informazzjoni ġenerali

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huwa stabbilit skont l-Att XXX tal-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi (Fond Ċentrali tal-Koperattivi), u huwa regolamentat mill-L.S. 442.03 (Regolamenti dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi). L-indirizz tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huwa Koperattivi Malta, Mdina Road, Qormi, QRM 9011.

Il-kontijiet finanzjarji tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi kienu ippreparati skont l-Istandards tal-Kontijiet Internazzjonali (IFRS) kif maħruġa mill-'International Accounting Standards Board' (IASB) u kif adottati mill-Unjoni Ewropea, u skont l-Att tal-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi.

## 3 Standards jew interpretazzjonijiet ġodda jew riveduti

### 3.1 Standards ġodda adottati fl-1 ta' Jannar 2023

Xi dikjarazzjonijiet ta kontabilita' li saru effettivi mill-1 ta' Jannar 2023 u għalhekk ġew adottati ma għandhomx impatt sinifikanti fuq ir-riżultati finanzjarji jew il-pożizzjoni tal-Koperattiva.

Standards u emendi oħra li huma effettivi għall-ewwel darba fl-2023 u li jistgħu jkunu applikabbli għall-Koperattiva huma:

- Żvelar ta' 'accounting policies' (Emendi għall-IAS 1 u d-Dikjarazzjoni tal-Prattika numru 2 tal-IFRS)
- Definizzjoni tal-Estimi tal-Kontabilità (Emendi għall-IAS 8)

Dawn l-emendi ma għandhomx impatt sinifikanti.

### 3.2 Standards, emendi u Interpretazzjonijiet għal Standards eżistenti li għadhom mhumiex effettivi u li ma ġewx adottati kmieni mill-Fond

Fid-data ta' l-awtorizzazzjoni ta' dan ir-rapport finanzjarju, ġew ippubblikati bosta Standards, iżda li għadhom mhux effettivi, emendi għal Standards eżistenti, u Interpretazzjonijiet ġodda mill-IASB. L-ebda wieħed minn dawn l-Istandards, emendi jew Interpretazzjonijiet ma ġie adottat kmieni mill-Fond.

Standards u emendi oħra li għadhom mhumiex effettivi u li ma ġewx adottati kmieni mill-fond jinkludu:

- Klassifikazzjoni tal-Obbligazzjonijiet bħala Kurrenti jew Mhux Kurrenti (Emendi għall-IAS 1)
- Responsabbiltà tal-Kiri f'Bejgħ u Kiri lura (Emendi għall-IFRS 16)
- Arranġamenti finanzjarji tal-fornituri (Emendi għall-IAS 7 u l-IFRS 7)
- Obbligazzjonijiet mhux kurrenti b'Patti (Emendi għall-IAS 1)
- Nuqqas ta' Skambju (Emendi għall-IAS 21)

Dawn l-emendi mhumiex mistennija li jkollhom impatt sinifikanti.

Il-Fond jantiċipa li l-avviżi rilevanti kollha jiġu adottati għall-ewwel perjodu li jibda fid-data effettiva tal-pronunzja jew wara. Standards, emendi u Interpretazzjonijiet Ġodda li għadhom mhux adottati u lanqas elenkati hawn taħt, ma ġewx żvelati minħabba li mhumiex mistennija li jkollhom impatt materjali fuq ir-rapporti finanzjarji tal-Fond.

## 4 'Material accounting policies'

### 4.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

Il-Fond għandu jiżvela l- 'accounting policies' materjali tiegħu. L-'accounting policies' huma materjali u għandhom jiġu żvelati jekk jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jinfluwenzaw id- deċiżjonijiet tal- utenti tar-rapport finanzjarji.

Il- Fond ikkonkluda li l- iżvelar tal- 'accounting estimates' materjali tal-Fond hawn taħt huma xierqa.

### 4.2 Rikonoxximent tad-dħul

Id-dħul għall-Fond jirriżulta prinċipalment minn kontribuzzjonijiet effettwati minn soċjetajiet kooperattivi li jammonta għal 5% tal-bilanċ pożittiv li jirriżulta mill-attivitajiet tagħhom. Il-Fond jirrikonoxxi d-dħul tiegħu meta jiġi nnotifikat, fuq bażi annwali, il-kontribut riċevibbli mis-soċjetà kooperattiva rispettiva. Fuq dan id-dħul ma tapplikax l-IFRS 15 minħabba li l-kontribuzzjoni tkun dovuta hekk kif meħtieġa mil-liġi.

Dwar kull attività oħra fejn jiġi stabbilit kuntratt ma' klijent jew parti terza, l-IFRS 15 japplika skond il-gwidi ta' l-Istandard. Dan jinkludi kull servizz li l-fond jista' jwettaq għal-parti terza.

Biex tiddetermina jekk jirrikonoxxix id-dħul, il-Fond ssegwi proċess ta' 5 stadji:

1. Identifikazzjoni tal-kuntratt ma' klijent jew parti terza
2. Identifikazzjoni tal-obbligi tal-prestazzjoni
3. Determinazzjoni tal-prezz tat-transazzjoni
4. Allokazzjoni tal-prezz tat-tranżazzjoni għall-obbligi tal-prestazzjoni
5. Ir-rikonoxximent tad-dħul meta / hekk kif l-obbligu jew obbligi tal-prestazzjoni huma sodisfatti.

Id-dħul huwa rikonoxxut jew f'punt ta' żmien jew f'tul ta' żmien kif il-Fond jissodisfa l-obbligi tal-prestazzjoni billi jittrasferixxi l-prodott mwiegħed jew is-servizzi tiegħu lill-parti terza.

## 4.3 Imghax mill-investiment

L-imgħax mill-investiment huwa rikonoxxut fuq bażi ta' sena.

## 4.4 Spejjeż

L-ispejjeż huma rikonoxxuti fil-kont ta' dħul u nfiq meta jiġi utilizzat is-servizz.

## 4.5 Propjeta', inġenji u makkinarju

Il-propjeta', inġenji u makkinarju qiegħed jiġi muri b'kemm sewa meta nxtara, u wara li tnaqqas id-deprezzament. Id-deprezzament qiegħed jiġi pprovdut skont il-ħajja mistennija tal-attiv. Ebda deprezzament ma jittieħed jekk l-attiv marbut ma jkunx intuża. Ir-rati huma:

| | | % |
|---|---|---|
| - | Propjeta' immobbli | 0 |
| - | Apparat tal-uffiċċju | 10 |
| - | Apparat tal-kompjuter | 33 1/3 |
| - | Airconditioner | 16 2/3 |

## 4.6 Nota fuq taħsir (impairment)

Fl-għeluq ta' kull sena finanzjarja wieħed irid jikkunsidra jekk l-attiv sofriex xi tnaqqis fil-valur tiegħu. Jekk ikun hemm xi indikazzjoni li l-attiv sofra xi tnaqqis u l-valur veru tiegħu huwa inqas minn dak muri fil-karta tal-bilanċ dan it-tnaqqis għandu jiġi muri bħala spejjeż f'dak il-perjodu.

Fil-każ ta' riverżjoni ta' telf ikkaġunat minn taħsir, l-ammont miżmum tal-assi huwa miżjud biex ikun daqs l-istima riveduta tal-ammont rekuperabbli tiegħu, iżda b'tali mod li l-ammont miżmum kif miżjud ma' jeċċedix l-ammont miżmum li wieħed kien jasal għalih kieku ma' kienx ġie rikonoxxut telf minħabba taħsir għal dak l-assi fis-snin ta' qabel. Riverżjoni ta' telf ikkaġunat minn taħsir tiġi minnufih rikonoxxuta bħala dħul.

## 4.7 Strumenti finanzjarji

### Rikonoxximent, kejl inizjali u tneħħija tar-rikonoxximent

Assi finanzjarji u obbligazzjonijiet finanzjarji huma rikonoxxuti meta l-Fond isir parti mid-dispożizzjonijiet kuntrattwali tal-istrument finanzjarju.

Assi finanzjarji huma mneħħija mir-rikonoxximent meta jiskadu d-drittijiet kuntrattwali għall-flussi ta' flus mill-assi finanzjarji, jew meta l-assi finanzjarji u sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċji kollha jiġu trasferiti. Obbligazzjonijiet finanzjarji huma mneħħija mir-rikonoxximent meta jispiċċaw, jinħelsu, jiġu kkanċellati jew jiskadu.

### Klassifikazzjoni u kejl inizjali ta' assi finanzjarji

Ħlief għal dawk l-ammonti riċevibbli minn debituri li ma fihomx komponent finanzjarju sinifikanti u li huma mkejla bil-prezz tat-tranżazzjoni skont l-IFRS 15, l-assi finanzjarji kollha huma inizjalment imkejla bil-valur ġust aġġustat għall-ispejjeż tat-tranżazzjoni (fejn applikabbli).

Assi finanzjarji, minbarra dawk nominati u effettivi bħala strumenti ta' "hedging", huma kklassifikati fil-kategoriji li ġejjin:

- spiża amortizzata
- valur ġust mgħoddi mill-kont ta' dħul u nfiq (FVTPL)
- valur ġust mgħoddi fi dħul ieħor komplessiv (FVOCI).

Il-klassifikazzjoni hija determinata min-żewġ testijiet:

- il-mudell ta' negozju jew operat ta' l-entità għall-immaniġġjar ta' l-assi finanzjarju
- il-karatteristiċi kuntrattwali tal-flussi tal-flus ta' l-assi finanzjarji.

Id-dħul u l-ispejjeż kollha relatati ma' assi finanzjarji li huma rikonoxxuti fil-kont ta' dħul u nfiq huma ppreżentati bħala spiża finanzjarja, dħul finanzjarju jew dħul finanzjarju ieħor, ħlief għal indeboliment/taħsir ta' riċevibbli ta' kummerċ li huwa ppreżentat fi spejjeż oħra.

Il-Fond ma għandux assi finanzjarji kklassifikati fil-kategorija ta' valur ġust mgħoddi mill-kont ta' dħul u nfiq (FVTPL).

### Kejl sussegwenti ta 'assi finanzjarji

#### Assi finanzjarji bi spiża amortizzata

Assi finanzjarji huma mkejla bl-ispiża amortizzata jekk l-assi jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin (u mhumiex indikati bħala FVTPL):

- huma miżmuma fi ħdan mudell ta' negozju jew operat li l-għan tiegħu hu li jżomm l-assi finanzjarji u jiġbor il-flussi kuntrattwali tal-flus li jiġġeneraw
- it-termini kuntrattwali ta' l-assi finanzjarji jiġġeneraw flussi ta' flus li huma biss ħlasijiet ta' kapital u imgħax fuq l-ammont ta' kapital pendent.

Wara r-rikonoxximent inizjali, dawn ikunu mkejla bl-ispiża amortizzata bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv. L-iskontar jitħalla barra fejn l-effett ta' l-iskontar huwa mmaterjali. Il-flus kontanti u ekwivalenti ta' flus u l-biċċa l-kbira ta' ammonti riċevibbli oħra jaqgħu f'din il-kategorija ta' strumenti finanzjarji.

#### Assi finanzjarji b'valur ġust mgħoddi fi dħul ieħor komplessiv (FVOCI)

Assi finanzjarji f'FVOCI huma kklassifikati f'din il-kategorija jekk l-assi jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- huma miżmuma taħt mudell ta' negozju jew operat li l-għan tiegħu huwa "miżmuma biex jinġabru" il-flussi ta' flus minnhom u jinbiegħu, u
- it-termini kuntrattwali ta' l-assi finanzjarji jiġġeneraw flussi ta' flus li huma biss ħlasijiet ta' kapital u imgħax fuq l-ammont ta' kapital pendenti.

Kwalunkwe qligħ jew telf rikonoxxut fi dħul ieħor komplessiv (OCI) se jkun riċiklat malli l-assi finanzjarji ma jibqawx aktar rrikonoxxuti jew jinbiegħu.

Il-Fond żamm assi finanzjarji rikonoxxuti fi dħul ieħor komplessiv kif żvelat fin-noti għar-rapporti finanzjarji. Il-Fond għazel ukoll biex jinnomina b'mod irrevokabbli nvestimenti finanzjarji f'ishma jew units ikkwotati f'valur ġust bit-tibdil ippreżentat fi dħul ieħor komplessiv.

### Indeboliment ta' assi finanzjarji

Ir-rekwiżiti ta' ndeboliment ta' l-IFRS 9 juża aktar informazzjoni li tħares 'il quddiem biex jirrikonoxxu t-telf tal-kreditu mistenni - il-"mudell ta' telf ta' kreditu mistenni ('Expected Credit Loss' model jew ECL)". Strumenti fl-ambitu tar-rekwiżiti ta' l-IFRS 9 jinkludu self u assi finanzjarji oħra tat-tip ta' dejn imkejla bl-spiża amortizzata, debituri u riċevibbli oħra u assi tal-kuntratt rikonoxxuti u mkejla taħt l-IFRS 15, fejn applikabbli.

Il-Fond jikkunsidra firxa wiesa' ta' nformazzjoni meta jivvaluta r-riskju tal-kreditu u jkejjel it-telf mistenni tal-kreditu, inklużi ġrajjiet ta' l-imgħoddi, kundizzjonijiet attwali, previżjonijiet raġonevoli u appoġġabbli li jaffettwaw il-ġbir mistenni tal-flussi ta' flus futuri mill-istrument.

Fl-applikazzjoni ta' dan l-approċċ li jħares 'il quddiem, issir distinzjoni bejn:

• strumenti finanzjarji li ma ddeterjorawx b'mod sinifikanti fil-kwalità tal-kreditu mir-rikonoxximent inizjali jew li għandhom riskju ta' kreditu baxx ('Stadju 1'), u
• strumenti finanzjarji li ddeterjoraw b'mod sinifikanti fil-kwalità tal-kreditu mir-rikonoxximent inizjali u li r-riskju ta 'kreditu tagħhom mhux baxx ('Stadju 2').

'L-Istadju 3' jkopri assi finanzjarji li għandhom evidenza oġġettiva ta' ndeboliment fid-data tar-rappurtaġġ.

It-'12-il xahar telf ta' kreditu mistenni' (12-month expected credit losses) huwa rikonoxxut għall-ewwel kategorija filwaqt li 't-telf ta' kreditu mistenni fuq il-ħajja ta' l-istrument finanzjarju' (lifetime expected credit losses) huwa rikonoxxut għat-tieni kategorija.

Il-kejl tat-telf ta' kreditu mistenni huwa ddeterminat minn stima tal-probabbiltà ta' telf ta' kreditu matul il-ħajja mistennija tal-istrument finanzjarju.

### Debituri u riċevibbli oħra u assi tal-kuntratt

Il-Fond jagħmel użu minn approċċ issimplifikat fil-kontabilità tad-debituri u riċevibbli oħra kif ukoll assi tal-kuntratt (jekk japplika) u tirreġistra l-allowance tat-telf bħala telf ta' kreditu mistenni fuq il-ħajja ta' l-istrument finanzjarju. Dawn ikuni t-telf/tnaqqis mistennija fil-flussi tal-flus kuntrattwali, meta jitqies il-potenzjal għal inadempjenza fi kwalunkwe stadju matul il-ħajja ta' l-istrument finanzjarju. Fil-kalkolu, il-Fond juża l-esperjenza storika tiegħu, l-indikaturi esterni u l-informazzjoni li tħares 'il quddiem biex jikkalkula t-telf tal-kreditu mistenni bl-użu ta' matriċi ta' proviżjoni.

### Klassifikazzjoni u kejl ta 'obbligazzjonijiet finanzjarji

L-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-Fond jinkludu ammonti kredituri u ammonti pagabbli.

L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma inizjalment imkejla bil-valur ġust, u, fejn applikabbli, aġġustati għall-ispejjeż tat-transazzjoni sakemm il-Fond ma jinnominax obbligazzjoni finanzjarja b'valur ġust mgħoddi mill-kont ta' dħul u nfiq.

Sussegwentement, l-obbligazzjonijiet finanzjarji jitkejlu bi spiża amortizzata bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv.

Il-ħlasijiet kollha relatati ma' l-imgħax huma nklużi fl-ispejjeż finanzjarji jew fid-dħul finanzjarju.

## 5 Taxxa fuq id-dħul

L-ebda ammont ta' taxxa fuq id-dħul ma ġie pprovdut f'dan il-perjodu minħabba l-eżenzjoni taħt l-artiklu 12(2) fil-Att tat-Taxxa fuq Income. Din l-Ordni tal-Eżenzjoni ħarġet mill-Ministru tal-Finanzi fis-27 ta' Marzu 1996 b'effett retrospettiv.

## 6 Dħul finanzjarju minn investimenti

| | 2023<br>€ | 2022<br>€ |
|---|---|---|
| Imgħax miġbur f'dan il-perjodu kien maqsum hekk: | | |
| Fuq investimenti finanzjarji | 86,137 | 49,225 |
| Fuq kontijiet fissi bankarji | - | 12 |
| | **86,137** | **49,237** |
| Naqqas il-provediment tas-sena l-oħra | 6,765 | (7,286) |
| Imgħax nett miġbur | **92,902** | **41,951** |
| Imgħax li għad irid jinġabar | 20,795 | 14,030 |
| Total ta' imgħax miġbur | **113,697** | **55,981** |
| | | |
| **Total ta' dħul finanzjarju** | **113,697** | **55,981** |

## 7 Koperattivi Malta

Koperattivi Malta, l-organizzazzjoni tal-Koperattivi Maltin, twaqqfet b'dawn l-għanijiet:

a) Li tħaddan u tippromwovi l-prinċipji koperattivi kif elenkati fl-Att;

b) Li tħeġġeġ l-edukazzjoni dwar il-koperattivi, it-taħriġ, ir-riċerki u li tiġbor tagħrif għall-iskop tal-iżvilupp tal-Moviment;

c) Li tipprovdi u tissorvelja servizzi fuq tmexxija, marketing, kontabilita', verifika, u konsulenza lill-Għaqdiet membri;

d) Li tkun rappreżentanta u leħen għall-Moviment Koperattiv Malti;

e) Li tħaffef ix-xogħol tal-Għaqdiet koperattivi primarji, sekondarji u terzjarji kollha f'Malta.

### Malta Co-operative Federation

Malta Co-operative Federation, l-organizzazzjoni tal- Malta Co-operative Federation, twaqqfet b'dawn l-għanijiet:

a) Li tħaddan u tippromwovi l-prinċipji koperattivi kif elenkati fl-Att;

b) Li tħeġġeġ l-edukazzjoni dwar il-koperattivi, it-taħriġ, ir-riċerki u li tiġbor tagħrif għall-iskop tal-iżvilupp tal-Moviment;

c) Li tipprovdi u tissorvelja servizzi fuq tmexxija, marketing, kontabilita', verifika, u konsulenza lill-Għaqdiet membri;

d) Li tkun rappreżentanta u leħen għall-'Malta Co-operative Federation';

e) Li tħaffef ix-xogħol tal-Għaqdiet koperattivi primarji, sekondarji u terzjarji kollha f'Malta.

## 8 Bilanċ pożittiv għas-sena

Il-bilanċ pożittiv għas-sena hu muri wara li tnaqqas:

| | 2023<br>€ | 2022<br>€ |
|---|---|---|
| Kumpens tal-awdituri | 3,304 | 3,186 |
| Onoraria lill-membri tal-Kumitat | 56,443 | 44,615 |
| Spejjeż tal-imjegati | 11,649 | 10,485 |
| Deprezzament | 767 | 1,263 |
| Numru ta' membri tal-Kumitat inkluż is-Segretarju | 12 | 12 |

## 9 Propjeta', inġenji u makkinarju

| | Propjeta' immobbli<br>€ | Airconditioner<br>€ | Apparat tal-kompjuter<br>€ | Total<br>€ |
|---|---|---|---|---|
| **Kemm swew** | | | | |
| Fl-1 ta' Jannar 2022 | 742,290 | - | 7,012 | 749,302 |
| Zidiet | - | 4,605 | - | 4,605 |
| Fit-31 ta' Dicembru 2022 | 742,290 | 4,605 | 7,012 | 753,907 |
| Fl-1 ta' Jannar/31 ta' Dicembru 2023 | 742,290 | 4,605 | 7,012 | 753,907 |
| **Deprezzament** | | | | |
| Fl-1 ta' Jannar 2022 | - | - | 6,516 | 6,516 |
| Ammont provdut għas-sena | - | 767 | 496 | 1,263 |
| Fit-31 ta' Dicembru 2022 | - | 767 | 7,012 | 7,779 |
| Fl-1 ta' Jannar 2023 | - | 767 | 7,012 | 7,779 |
| Ammont provdut għas-sena | - | 767 | - | 767 |
| Fit-31 ta' Dicembru 2023 | - | 1,534 | 7,012 | 8,546 |
| **Valur skont il-kotba** | | | | |
| **Fl-1 ta' Jannar 2022** | **742,290** | **-** | **496** | **742,786** |
| **Fit-31 ta' Dicembru 2022** | **742,290** | **3,838** | **-** | **746,128** |
| **Fit-31 ta' Dicembru 2023** | **742,290** | **3,071** | **-** | **745,361** |

## 10 Investimenti

Il-bidla fl-investimenti tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi għas-snin tar-rappurtaġġ huwa ppreżentat kif ġej:

| | 2023<br>€ | 2022<br>€ |
|---|---|---|
| Fl-1 ta' Jannar | 2,824,869 | 3,201,880 |
| Ċaqlieq fil-valur ġust | 44,619 | (409,412) |
| Zidiet fl-investimenti | 106,932 | 49,224 |
| tariffi għall-ġestjoni tal-investiment | (15,105) | (16,823) |
| Fit-31 ta' Dicembru | **2,961,315** | **2,824,869** |

## 10.1 Investimenti finanzjarji

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi għandu investimenti finanzjarji għall-bejgħ kif ġej:

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Investiment finanzjarji | 2,961,315 | 2,824,869 |
| Total ta' nvestimenti finanzjarji | **2,961,315** | **2,824,869** |

## 11 Debituri

Il-bidla fl-investimenti tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi għas-snin tar-rappurtaġġ huwa ppreżentat kif ġej:

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Bilanċi dovuti mill-bejgħ – gross | 91,467 | 132,713 |
| Provvediment | (5,570) | (2,551) |
| Bilanċi dovuti mill-bejgħ - net | 85,897 | 130,162 |
| Debitur oħra | 399 | 399 |
| Total ta' debituri - kurrenti | **86,296** | **130,561** |

Il-valur tal-attiv finanzjarju kurrenti fil-karta tal-bilanċ huwa kkunsidrat li jqarreb il-valur ġust.

Il-Koperattiva ġeneralment tagħti perjodu ta' kreditu ta' 30 ġurnata lid-debituri u ma jkunx hemm interessi mitluba fuq bilanċi dovuti li jibqgħu mhux imħallsa.

Il-Koperattiva tikkunsidra bidla fil-kwalita' tal-kreditu ta' kull debitur mid-data ta' meta il-kreditu jkun ingħata sad-data tal-karta tal-bilanċ. Dan isir sabiex jiġi ddeterminat jekk id-debituri jistgħux jingabru.

## 12 Imgħax li jrid jinġabar

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Investimenti finanzjarji | 20,795 | 14,030 |
| | **20,795** | **14,030** |

## 13 Flus fl-idejn u bilanċ tal-bank

Il-flus fl-idejn u bilanċ tal-bank jinkludu:

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Kontijiet kurrenti | 1,184,267 | 1,124,692 |
| Flus fl-idejn | 1 | 1 |
| **Flus fl-idejn u kontijiet tal-bank fl-istqarrija dwar dħul u ħruġ ta' flus** | **1,184,268** | **1,124,693** |

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi ma kellux restrizzjonijiet fuq il-kontijiet tal-bank tiegħu fl-aħħar tas-sena.

## 14 Kredituri

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Skema ta' sussidju fuq l-imgħax fuq self | 1,826 | 989 |
| Accruals li jinkludu ammonti dovuti lil-organizzazzjoniet rikonoxxuti | 486,423 | 551,017 |
| **Passiv finanzjarju** | **488,249** | **552,006** |

Il-valur tal-passiv finanzjarju kurrenti fil-karta tal-bilanċ huwa kkunsidrat li jqarreb il-valur ġust.

## 15 Skema ta' sussidju fuq l-imgħax fuq self għall-koperattivi

Is-somma ta' nil (2022: € 1,131) qed tiġi provduta bħala sussidju fuq self tal-koperattivi mill-banek kummerċjali.

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Ammont li ġej mis-sena l-oħra | 989 | 1,131 |
| Ammont provdut għal din is-sena | 837 | 989 |
| Ammont imħallas | - | (1,131) |
| **Ammont li sejjer għas-sena li ġejja** | **1,826** | **989** |

Sussidji mogħtija fuq self lil Koperattivi minn banek kummercjali ngħataw fuq bażi ta' 50% tal-imgħax li dawn il-koperattivi jkunu ħallsu fuq is-self tagħhom.

Is-self massimu li jibbenefika għal dan is-sussidju huwa ta' €70,000.

## 16 Stqarrija dwar dħul u ħruġ ta' flus

L-aġġustamenti li jridu jsiru fuq il-bilanċ għas-sena biex twassal ir-riżultat għall-attivitajiet kummerċjali qabel l-effett tad-dħul u nfiq li ma jaffettwawx il-kontanti u ekwivalenti huma magħmula minn:

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Aġġustamenti:** | | |
| Deprezzament | 767 | 1,263 |
| Imgħax mill-investiment | (113,697) | (55,981) |
| Proviżjoni għal sussidju fuq self tal-koperattivi | 837 | 989 |
| | **(112,093)** | **(53,729)** |

## 17 Għanijiet u politika ta' immaniġġjar ta' riskji

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huwa espost għall-riskji ta' swieq, riskji fuq il-kreditu u riskji ta' likwidita' meta jinnegozja permezz ta' strumenti finanzjarji fl-operat tiegħu. L-immaniġġjar ta' dawn ir-riskji hija kkordinata mill-membri tal-Kumitat u tiffoka fuq li żżomm sħiħa l-likwidita' tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi fiż-żmien qasir kif ukoll fit-tul billi jnaqqas l-espożizzjoni tiegħu għar-riskji finanzjarji. Il- Kumitat qabbad kumpanija ta; servizzi ta' invesymenti liċenzjat biex jimmaniġġja l-portafoll b'mandat ta' riskju baxx.

Dawk ir-riskji finanzjarji li għalihom huwa l-aktar espost il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huma kif dettaljati hawn taħt. Ara wkoll nota 17.6 għall-sommarju tal-attiv u l-passiv finanzjarju skont il-kategorija li jaqgħu fiha.

### 17.1 Riskju tal-valuta

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi ma huwiex espost għar-riskju tal-valuta fuq ix-xiri għax ma kellu l-ebda xiri f'muniti barra l-Ewro.

### 17.2 Riskju tar-rati tal-imgħax

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi mhux espost għar-riskji fuq bidliet fir-rati tal-imgħax minħabba li ma kellu ebda obbligazzjoni finanzjarja li ġġor rati ta' mgħax. Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi ma daħlet f'ebda 'hedging' fuq rati tal-imgħax matul is-sena.

### 17.3 Riskju ta' tibdil fil prezz

Il-Fond Centrali tal- Koperattivi huwa espost għar-riskju tal-prezz fuq il-valur tal-assi finanzjarji skont il-valur ġust permezz tal-FVTPL. Il- membri jirrevedu l-prezz tas-suq ta' l-investimenti fuq bażi regolari biex jiddeterminaw jekk il-risultati attwali humiex konformi ma' l-istrateġiji ta' nvestiment mixtieqa.

Il-valur ta' l-investimenti jista' jinbidel skond it-tibdil tal-prezzijiet fis-suq u jista' jkun sinifikanti minhabba incertezzi li jinholqu fuq dawn l-istrumenti finanzjarji, kemm lokali kif ukoll fuq ix-xena internazzjonali. Ghalhekk il-membri jqisu li certu movimenti fil-prezzijiet jista' jkollhom effett konsiderevoli fuq il-pożizzjoni tal-Fond.

Il-Fond jżomm l-investimenti go strumenti finanzjarji li ghandhom profit ta' riskju bbilanċjat iżda xorta wahda jistgħu jvarjaw skond il-prezzijiet tas-suq li kienu suġġetti għal tibdil kbir fis-sena finanzjarja kurrenti. Il-membri jżommu kuntatt regolari mal-maniġer tal-investimenti tal-Fond sabiex jissalvagwardjaw l-assi u jipproteguhom kontra tibdil fil-prezzijiet, telf jew taħsir kemm jista' jkun fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi attwali.

### 17.4 Riskju fuq il-kreditu

L-espożizzjoni għar-riskju fuq il-kreditu huwa llimitat għall-valur fil-kotba tal-attiv finanzjarju fid-data tal-karta tal-bilanċ kif muri hawn taħt:

| | Noti | 2023 | 2022 |
|---|---|---|---|
| | | € | € |
| Klassijiet ta' attiv finanzjarju – skont il-kotba | | | |
| Investimenti finanzjarji | 10 | 2,961,315 | 2,824,869 |
| Debituri – kontribuzzjoni | 11 | 85,897 | 130,162 |
| Imgħax li jrid jinġabar | 12 | 20,795 | 14,030 |
| Flus fl-idejn u kontijiet tal-bank | 13 | 1,184,268 | 1,124,693 |
| | | **4,252,275** | **4,093,754** |

L-attiv finanzjarju jinkludi l-investimenti, debituri, flus fil-bank u fl-idejn. Ir-riskju li l-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huwa espost għalih huwa limitat għall-valur miżmum fil-kotba tal-attiv finanzjarju. Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi jissorvelja kontinwament id-debituri tiegħu u flejjes li għad iridu jinġabru, kemm individwalment jew fi gruppi ta' riskju, u jinkorpora din l-informazjoni fil-kontrolli tar-riskju fuq il-kreditu.

Ir-riskju tal-kreditu fuq il-fondi likwidi huwa kkunsidrat negliġibbli minħabba li l-istituzzjonijiet huma banek b'livell għoli ta' 'credit rating' u istituzzjonijiet finanzjarji oħra ta' reputazzjoni għolja.

Il-Kumitat jikkunsidra li l-istrumenti finanzjari li m'humiex mittiefsa fid-dati rappurtati huma ta' kwalita' tajba.

### Debituri

Il-Fond japplika il-mudell issimplifikat ta' l-IFRS 9 fuq rikonoxximent tat-telf ta' kreditu mistenni fuq il-ħajja ta' debituri kollha peress li dawn ir-riċevibbli m'għandhomx komponent finanzjarju sinifikanti.

Fil-kejl tat-telf tal-kreditu mistenni (il-mudell issimplifikat), id-debituri ġew ivvalutati fuq bażi kollettiva billi għandhom karatteristiċi ta' riskju ta' kreditu kondiviżi. Dawn ġew miġbura fi gruppi abbażi tal-ammont ta' ġranet li d-debitur ikun għadu ma ħallasx.

Ir-rati ta' telf mistennija huma bbażati fuq il-profil tal-ħlas li jsir mingħand id-debituri matul l-aħħar 24 xahar qabel il-31 ta' Diċembru 2023 u l-1 ta' Jannar rispettivament, kif ukoll fuq it-telf storiku ta' kreditu korrispondenti matul dak il-perjodu. Ir-rati storiċi huma aġġustati biex jirriflettu fatturi makroekonomiċi kurrenti u fil-ġejjieni li jaffettwaw l-abbiltà tal-Koperattivi li jħallsu l-ammont pendenti. Il-Fond identifika l-prodott gross domestiku (PGD) kif ukoll is-saħħa tas-setturi fejn joperaw il-Koperattivi bħala l-aktar fatturi relevanti u għaldaqstant jaġġusta r-rati storiċi ta' telf għal bidliet mistennija f'dawn il-fatturi. Madankollu, minħabba l-perjodu qasir espost għar-riskju ta' kreditu, l-impatt ta' dawn il-fatturi makroekonomiċi ma ġiex ikkunsidrat sinifikanti fil-perjodu ta' rappurtar.

Debituri huma mħassra (jiġifieri mneħħija mir-rikonoxximent) meta ma jkun hemm l-ebda stennija raġonevoli li dawn jistgħu jinġabru. Nuqqas li jsiru pagamenti fi żmien sentejn mid-data tal-egħluq tal-perijodu finanzjarju tal-Koperattiva debitriċi (minħabba l-intervall taż-żmien bejn tmiem is-sena finanzjarja tal-Koperattivi u meta ir-rapport finanzjarju tagħhom ikun innotifikat lil-Fond) u n-nuqqas ta' mpenn mal-Fond dwar arranġament ta' ħlas alternattiv, fost oħrajn, huwa kkunsidrat bħala ndikatur ta' l-ebda aspettattiva raġonevoli ta' ġbir ta' l-ammont dovut.

Fuq il-bażi ta' hawn fuq, it-telf ta' kreditu mistenni għal debituri fil-31 ta' Diċembru 2022 u 2023 ġie ddeterminat kif ġej:

| 31 Dicembru 2023 | Kurrenti | Aktar minn sena | Aktar minn Sentejn | Taħsir Attwali | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' telf mistenni (%) | 1% | 1% | 3% | | |
| Bilanc tad-debituri (gross) (€) | 74,566 | 1,217 | 10,114 | 5,570 | 91,467 |
| Telf ta kreditu mistenni | 746 | 12 | 303 | 5,570 | 6,631 |

| 31 Dicembru 2022 | Kurrenti | Aktar minn sena | Aktar minn Sentejn | Taħsir Attwali | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' telf mistenni (%) | 1% | 1% | 3% | | |
| Bilanc tad-debituri (gross) (€) | 81,165 | 37,165 | 11,832 | 2,551 | 132,713 |
| Telf ta kreditu mistenni | 812 | 372 | 354 | 2,551 | 4,089 |

Fis-sena kurrenti u dik ta' qabel, id-differenzi fuq l-ammonti ikkalkulati hawn fuq u dawk rikonoxxuti huma minimi ħafna u għalhekk ma kienx hemm provvedimenti addizzjonali fuq dawk ipprovduti.

Il-bilanċ tal-għeluq tal-provvediment għat-telf tad-debituri fil-31 ta' Diċembru 2023 jirrikonċilja mal-bilanċ tal-ftuħ tal-provvediment għat-telf ta' dawn ir-riċevibbli kif ġej:

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Provvediment tat-telf fl-1 ta 'Jannar | 5,570 | 2,551 |
| **Provvediment tat-telf fil-31 ta' Diċembru** | **5,570** | **2,551** |

### 17.5 Riskju ta' likwidita'

L-espożizzjoni tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi għar-riskju ta' likwidita' joħroġ mill-obbligu li jħallas il-passiv finanzjarju tiegħu, li kien jinkludi l-kredituri (ara nota 14). L-immaniġġjar prudenti tar-riskju ta' likwidita' jfisser li żżomm biżżejjed flus fl-idejn u fil-bank, flimkien ma' faċilitajiet oħra ta' kreditu disponibbli, sabiex tiżgura li jkun hemm biżżejjed fondi biex jitħallas il-passiv finanzjarju meta dan ikun dovut.

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi jieħu ħsieb il-likwidita' billi jgħarbel sew il-ħruġ ta' flus kollu matul ix-xogħol ta' kuljum. Il-likwidita' tiġi mħarsa kull xahar u anke kull sena.

Il-passiv finanzjarju tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi fid-data tal-karta tal-bilanċ huwa kollu dovut fi żmien qasir u dan ma jaqbiżx sena.

### 17.6 Sommarju ta' attiv u passiv finanzjarju skond il-kategorija

Il-valur fil-kotba ta' l-attiv u l-passiv finanzjarju tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi kif rikonoxxut fid-data tal-karta tal-bilanċ ta' din is-sena u dik ta' qabel jistgħu ikunu kkategorizzati kif ġej. Ara nota 4.7 għal spjegazzjoni fuq kull kategorija ta' strumenti finanzjarji.

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Attiv marbut** | | |
| Investiment disponibbli għall-bejgħ | 2,961,315 | 2,824,869 |
| | **2,961,315** | **2,824,869** |
| **Attiv kurrenti** | | |
| Self u ammonti riċevibbli: | | |
| - Debituri - kontribuzzjoni | 85,897 | 130,162 |
| - Imgħax li jrid jinġabar | 20,795 | 14,030 |
| - Flus fl-idejn u kontijiet tal-bank | 1,184,268 | 1,124,693 |
| | **1,290,960** | **1,268,885** |
| **Passiv kurrenti** | | |
| Passiv kurrenti rikonoxxut fuq l-'amortised cost': | | |
| - Kredituri | 488,249 | 552,006 |
| | **488,249** | **552,006** |

## 17.7 Strumenti finanzjarji mkejla skont il-valur ġust

It-tabella kif ġejja tippreżenta l-attiv u l-passiv finanzjarju mkejjel skont il-valur ġust fil-karta tal-bilanċ skont il-livell ta' ġerarkija. Din il-ġerarkija tiġbor l-attiv u l-passiv finanzjarju fi tlett livelli skont il-metodu ta' kif l-informazzjoni biex jiġi ddeterminat il-valur ġust ikun miġbur. Il-livelli ta' ġerarkija fil-valur ġust huma kif ġej:

L-ewwel livell: prezzijiet ikkwotati (mhux aġġustati) ġo swieq attivi għall-istess attiv jew passiv finanzjarju;

It-tieni livell: ġbir ta' informazzjoni biex jiġi ddeterminat il-prezz li mhux prezz ikkwotat skont l-ewwel livell u li jista' jiġi osservat għall-attiv jew passiv finanzjarju. Dan il-metodu jista' jkun jew dirett (minn prezzijiet) jew indirett (idderivat minn prezzijiet); u

It-tielet livell: ġbir ta' informazzjoni biex jiġi ddeterminat il-prezz tal-attiv jew il-passiv li mhux idderivat minn informazzjoni tas-suq li jista' jiġi osservat jew imkejjel (ġbir ta' data mhux osservabbli).

L-attiv jew il-passiv finanzjarju jiġi kklassifikat f'xi livell qabel xi ieħor jekk dak il-livell ikollu l-inqas impatt fuq il-valur ġust tal-attiv jew passiv finanzjarju.

Din is-sena l-attiv finanzjarju fil-karta ta' bilanċ kif imkejjel bil-valur ġust huwa mqassam fil-livelli ta' ġerarkija kif ġej:

| | Nota | L-ewwel livell € | Total € |
|---|---|---|---|
| Titoli elenkati fuq borża (listed securities) | a | 2,961,315 | 2,961,315 |
| | | **2,961,315** | **2,961,315** |

Fis-sena 2022 l-attiv finanzjarju fil-karta ta' bilanċ kif imkejjel bil-valur ġust kien imqassam fil-livelli ta' ġerarkija kif ġej:

| | Nota | L-ewwel livell € | Total € |
|---|---|---|---|
| Titoli elenkati fuq borża (listed securities) | a | 2,149,979 | 2,149,979 |
| | | **2,149,979** | **2,149,979** |

### Kejl skont il-valur gust

Il-metodu u t-teknika ta' kejl ta' valur ġust huma kif ġej:

### a) Titoli elenkati fuq borża

It-titoli elenkati fuq borża huma kollha ikkwotati fl-ewro u huma kollha nnegozjati fuq borża rrikonoxxuta. Il-valur ġust huwa miġbur skont il-prezz tat-titolu fit-31 ta' Dicembru 2023 u fit-31 ta' Dicembru 2022.

## 18 Politika u proċeduri fuq l-immaniġġjar tal-kapital

L-iskopijiet tal-immaniġjar tal-kapital tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi jkun li jiġbor l-ammont dovut mill-koperattivi skont il-liġi filwaqt li jħares l-obbligi tiegħu lejn l-istess membri.

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi jżomm ukoll struttura kapitali adegwata sabiex inaqqas l-ispiża tal-kapital innifsu.

## 19 Uffiċċju reġistrat

L-uffiċċju reġistrat tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi huwa Mdina Road, Qormi, QRM 9011.

## 20 Avvenimenti li ġraw wara d-data tal-karta tal-bilanċ

Ma kienx hemm aġġustamenti jew avvenimenti li ġraw bejn id-data tal-karta tal-bilanċ u d-data tal-approvazzjoni miċ-Chairman u s-Segretarju.

## 21 Onorarja tal-Membri tal-Kumitat u remunerazzjoni tas-Segretarju tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi

Ir-rata tal-Onorarja tal-Membri tal-Kumitat u remunerazzjoni tas-Segretarju huma kif jidru hawn taħt:

| | 2023 | 2022 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Chairman | 11,463 | 10,000 |
| Membri | 44,980 | 34,615 |
| Segretarju | 11,649 | 10,485 |

Grant Thornton

# Rapport indipendenti ta' l-awdituri

Lill-membri tal-Fond Centrali tal-Koperattivi

## Rapport fuq il-kontijiet finanzjarji

### Opinjoni

Ivverifikajna l-kontijiet finanzjarji tal-Fond Centrali tal-Koperattivi li jinstabu f'pagni 4 sa 22 u li jinkludu l-Karta tal-bilanċ għal-perjodu li għalaq fil-31 Diċembru ta' 2023, kif ukoll il-kont ta' dħul u nfiq, l-Istqarrija dwar bidliet fil-fond akkumulat u riżervi u l-Istqarrija dwar id-dħul u l-ħruġ ta' flus għal-perjodu li għalaq f'dik id-data, inkluż ġabra tal-politika tal-kontabilita' u noti oħrajn.

Fl-opinjoni tagħna, dawn l-imsemmija dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Fond Centrali tal-Koperattivi juru b'mod veru w ekwu il-qagħda finanzjarja tal-Fond Centrali tal-Koperattivi fil-31 ta' Diċembru 2023 u r-riżultati ta' l-operazzjonijiet tiegħu, il-bidliet fil-fond akkumulat u r-riżervi u d-dħul u l-ħruġ ta' flus għal-perjodu li għalaq f'dik id-data skond l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) u kif addottat mill-Unjoni Ewropeja (EU) u ġew imħejjija sew skond id-dispożizzjonijiet ta' L-Att XXX ta' l-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi, Kap.442 (l-Att).

### Bazi ta' opinjoni

Wettaqna l-verifika tagħna skond l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs). Ir-responsabbiltajiet tagħna skond dawk l-istandards huma mfissra aktar fis-sezzjoni tar-Responsabbiltajiet ta' l-Awdituri għall-Verifika tal-Kontijiet Finanzjarji fir-rapport tagħna. Aħna ndipendenti mill-Fond Centrali tal-Koperattivi skond kif mfisser fil-'Kodiċi ta' Etika ta' l-Accountants Professjonali' tal-'Bord għall-Istandards Internazzjonali ta' L-Etika' (kodiċi ta' l-IESBA) flimkien mar-rekwiżiti etiċi tad-Direttiva tal-Accountancy Profession (Code of Ethics for Warrant Holders) maħruġa skond l-Accountancy Profession Act, Kap. 281, li huma rilevanti għall-verifika tagħna ta' rendikonti finanzjarji f'Malta. Issodisfajna r-responsabbiltajiet etiċi oħra tagħna skond dawn ir-rekwiżiti. Aħna nemmnu li l-evidenza tal-verifika li ksibna hija biżżejjed u xierqa sabiex tipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna.

### Informazzjoni oħra

Il-membri tal-kumitat tal-Fond Centrali tal-Koperattivi huma responsabbli għall-informazzjoni oħra. L-informazzjoni l-oħra tinkludi r-Rapport tal-membri tal-kumitat kif muri fuq pagni 2 u 3 li ksibna qabel id-data tal-ħruġ ta' dan ir- Rapport ta' l-Awditur, iżda ma tinkludix id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-Rapport ta' l-Awditur.

L-opinjoni tagħna fuq il-kontijiet finanzjarji ma tkoprix l-informazzjoni l-oħra.

B'konnessjoni mal-verifika tar-rendikont finanzjarju, r-responsabbiltà tagħna hija li tinqara l-informazzjoni l-oħra u, waqt li nagħmlu hekk, nikkunsidraw jekk l-informazzjoni l-oħra hijiex materjalment inkonsistenti mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew ma' l-għarfien li ksibna fil-verifika, jew li b'xi mod ieħor tidher li fiha dikjarazzjonijiet li huma materjalment żbaljati.

### Responsabiltajiet ta' dawk inkarigati mill-governanza għar-rendikont finanzjarju

Il-membri tal-kumitat huma responsabbli li jippreparaw b'mod veru w ekwu dawn il-kontijiet finanzjarji skond l-IFRS u kif addottat mill-EU u li jkunu mħejjija sew skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att, u bil-kontrolli nternu li l-Kumitat jiddetermina jkunu meħtieġa biex jippermettu l-preparazzjoni ta' rendikonti finanzjarji li huma ħielsa minn dikjarazzjonijiet materjalment żbaljati, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball.

Fit-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, il-membri tal-kumitat huwa responsabbli li jqisu l-abbiltà tal-Fond Centrali tal-Koperattivi li jkompli bħala negozju avvjat (going concern), tiżvela, kif ikun meħtieġ, kwistjonijiet relatati ma' l-abbiltà li tkompli bħala negozju avvjat u tuża din il-bażi ta' tkomplijja ta' negozju għall-kontabilità sakemm il-membri jkollhom, jew l-intenzjoni li jillikwidaw il-Fond, jew li jwaqqafu l-operat, jew ma jkollhom ebda alternattiva realistika ħlief li jagħmlu hekk.

Il-membri huma responsabbli għas-superviżjoni tal-proċess ta' r-rappurtaġġ finanzjarju tal-Fond Centrali tal-Koperattivi.

### Responsabiltajiet ta' l-awdituri ghal-verifika tal-kontijiet finanzjarji

- L-għanijiet tagħna huma li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk ir-rapport finanzjarju b'mod ġenerali, huwiex ħieles minn dikjarazzjonijiet materjalment żbaljati, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball, u sabiex noħroġu r-rapport ta' l-awditur li jkun jinkludi l-opinjoni tagħna. Assigurazzjoni raġonevoli huwa livell għoli ta' assigurazzjoni, iżda mhux garanzija li verifika mwettqa skond l-ISAs dejjem se jiskopri dikjarazzjonijiet materjalment żbaljati meta dawn jeżistu. Dikjarazzjonijiet żbaljati jistgħu jinħolqu minn frodi jew żball u huma kkunsidrati materjali jekk, individwalment jew kollettivament, dawn jistgħu raġonevolment ikunu mistennija li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi ta-utenti meħuda fuq il-bażi ta' dawn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji.
- Bħala parti mill-verifika skond l-ISAs, aħna neżerċitaw ġudizzju professjonali u nżommu x-xettiċiżmu professjonali matul il-verifika. Aħna wkoll:
- Nidentifikaw u nevalwaw ir-riskji ta' dikjarazzjonijiet materjalment żbaljati fir-rendikont finanzjarju, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball, infasslu u nwettqu proċeduri ta' verifika li jirrispondu għal dawn ir-riskji, u niksbu evidenza tal-verifika li tkun biżżejjed u xierqa biex nipprovdu bażi għall-opinjoni tagħna. Ir-riskju li ma tinkixifx dikjarazzjoni materjalment skorretta li tirriżulta minn frodi huwa ogħla milli għall dak li jirriżulta minn żball, ghax frodi jista' jinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, misrapreżentazzjonijiet, jew l-iskartar tal-kontrolli nterni.
- Niksbu għarfien ta' kontroll intern rilevanti għall-verifika sabiex jitfasslu proċeduri ta' verifika li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi, iżda mhux bl-iskop li nesprimu opinjoni dwar l-effettività tal-kontrolli nterni tal-Fond Centrali tal-Koperattivi.
- Nevalwaw l-adegwatezza tal-politika tal-kontabilità wżata, tar-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità u l-iżvelar relatat magħmul mill-maniġment.

Nikkonkludu dwar l-adegwatezza ta' l-użu mill-maniġment tal-bażi ta' going concern u, abbażi tal-evidenza tal-verifika miksuba, jekk xi nċertezza materjal teżistix relatata ma' avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubji sinifikanti fuq il-ħila tal-Fond Centrali tal-Koperattivi li jkompli bħala negozju avvjat. Jekk aħna nikkonkludu li teżisti nċertezza materjali, aħna meħtieġa li niġbdu l-attenzjoni dwar dan fir-rapport ta' l-awditur dwar l-iżvelar relatat fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew, jekk dan l-iżvelar ma jkunux adegwat, illi nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza tal-verifika miksuba sad-data tar-rapport ta' l-awditur. Madankollu avvenimenti jew kondizzjonijiet futuri jistgħu jikkawżaw il-Fond Centrali tal-Koperattivi biex jieqaf milli tkompli bħala negozju avvjat.

Nevalwaw il-preżentazzjoni ġenerali, l-istruttura u l-kontenut tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, inkluż l-iżvelar, u jekk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jirrappreżentawx it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti sottostanti b'mod li tilħaq il-preżentazzjoni ġusta.

Nikkomunikaw ma' dawk inkarigati mill-governanza fir-rigward ta', fost ħwejjeġ oħra, l-ambitu ippjanat u ż-żmien tal-verifika u s-sejbiet sinifikanti mil-verifika, inkluż kwalunkwe nuqqasijiet sinifikanti fil-kontrolli interni li aħna nidentifikaw matul verifika tagħna.

GrantThornton

**Rapport fuq ħtiġijiet legali u regolatorji oħra**

Għandna wkoll ir-responsabilta' skond l-Att XXX ta' 2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi li nirraportaw jekk fl-opinjoni tagħna:

- il-Fond Centrali tal-Koperattivi ma żammx l-'Accounting records' kif suppost;
- il-kontijiet finanzjarji ma jaqblux mal-kotba;
- ma rċevejniex kull informazzjoni u spjegazzjoni li għandna bżonn għax-xogħol ta' verifika;
- il-Fond Centrali tal-Koperattivi ma ffunzjonax skond l-istatut tagħha u d-dispożizzjonijiet ta' l-Att.

M'għandna xejn x'nirraportaw dwar dawn ir-responsabbiltajiet.

Id-direttur fuq il-verifika tal-kontijiet finanzjarji li fuqu huwa maħruġ dan ir-rapport indipendenti huwa Alex Brincat.

Alex Brincat (Direttur) għan-nom ta'

**GRANT THORNTON**
Certified Public Accountants

Fort Business Centre
Triq L-Intornjatur, Zone 1
Central Business District
Birkirkara CBD 1050
Malta

13 ta' Marzu 2024